

Brussell, 8 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7328/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0067(NLE)**

---

---

**AVIATION 52  
USA 17  
RELEX 240**

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 122 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, rigward iż-żieda ta' Anness 4 mal-Ftehim

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 122 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 122 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.3.2019  
COM(2019) 122 final

2019/0067 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, rigward iż-żieda ta' Anness 4 mal-Ftehim**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2008, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka ffirmaw ftehim dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"). L-ambitu tal-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011, kien inizjalment limitat għall-ittestjar, għall-approvazzjoni u għall-monitoraġġ ambjentali u tal-ajrunavigabbiltà tal-prodotti ajrunawtiċi kif ukoll għall-approvazzjoni u għall-monitoraġġ tal-faċilitajiet ta' manutenzjoni. L-ambitu tal-Ftehim ġie sussegwentement estiż għall-għoti tal-liċenzji u għat-taħriġ tal-persunal, għat-tħaddim tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru<sup>1</sup>. Dik l-estensjoni saret permezz ta' emenda ffirmata fit-13 ta' Diċembru 2017 u ilha tiġi applikata b'mod proviżorju minn dik id-data 'l hawn.

Filwaqt li kkunsidrat l-ambitu estiż tal-Ftehim, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), żviluppat flimkien mal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) tal-Istati Uniti, Anness 4 ġdid tal-Ftehim dwar il-monitoraġġ tal-Apparat ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir (FSTD), sabiex tnaqqas is-sorveljanza regolatorja ridondanti tal-FSTDs fl-Unjoni u fl-Istati Uniti.

L-ambitu tal-Anness ġdid dwar l-FSTDs li ġie propost ikopri l-evalwazzjonijiet rikorrenti tas-Simulaturi ta' Titjira Sħiħa (FFS) għall-ajruplani.

Attwalment hemm 131 ċertifikat attiv tal-EASA għall-FFS li jinsabu fl-Istati Uniti u 34 ċertifikat attiv tal-FAA għall-FFS li jinsabu fi Stati Membri tal-UE (ir-Renju Unit: 17, in-Netherlands: 3, Franza: 13 u d-Danimarka: 1). Kull wieħed minn dawn l-apparati għandu ċertifikat doppju: ċertifikat tal-EASA u ieħor tal-FAA f'każ ta' apparati li jinsabu fl-Istati Uniti, u ċertifikat tal-FAA u ieħor minn awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni jew, f'ċerti każijiet, ċertifikat tal-EASA f'każ ta' apparati li jinsabu fi Stati Membri tal-UE.

Sabiex iċ-ċertifikati tagħhom jibqgħu validi, kull wieħed minn dawk is-simulaturi jrid jerġa' jiġi evalwat fuq bażi perjodika. Dan jirriżulta f'awditjar doppju ta' kull apparat, li qed jikkawża piż amministrattiv bla bżonn, kostijiet addizzjonali għat-tieni evalwazzjoni mill-ġdid u qed inaqqas id-disponibbiltà tal-apparati għat-taħriġ tal-bdoti. Pereżempju, fl-2017, l-EASA wettqet 132 evalwazzjoni rikorrenti ta' FFS li jinsabu fl-Istati Uniti. Min-naħa l-oħra, fl-2017, l-FAA wettqet 34 evalwazzjoni rikorrenti ta' FFS li jinsabu fi Stati Membri tal-UE. L-FFS ma jkunx disponibbli għat-taħriġ matul l-evalwazzjoni mill-awtorità.

Skont l-Anness ġdid propost dwar l-FSTDs, it-twettiq tal-evalwazzjonijiet rikorrenti se jiġi ssimplifikat. L-EASA se tiddependi fuq l-FAA għall-evalwazzjonijiet rikorrenti tal-apparati li jinsabu fl-Istati Uniti, u l-FAA se tiddependi fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni jew, f'ċerti każijiet, fuq l-EASA għall-evalwazzjoni rikorrenti ta' apparati li jinsabu fi Stati Membri tal-UE. Dan se jippermetti li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u b'riżultat ta' dan se jwassal għal iffrankar tal-kostijiet u tal-produttività għall-EASA, għall-FAA u għall-industrija. L-FAA tikkalkula li fl-2017 imponiet ħlas ta' madwar USD 170 000 fuq l-operaturi ta' FFS li jinsabu fi Stati Membri tal-UE sabiex tirkupra l-kostijiet ta' evalwazzjonijiet rikorrenti fil-post mwettqa fl-Ewropa. Min-naħa tal-UE, fl-2017 l-EASA imponiet il-ħlas ta' iktar minn EUR 1,1 miljun fuq l-operaturi ta' FFS li jinsabu fl-Istati Uniti sabiex tirkupra l-kostijiet tal-ivvjaġġar assoċjati ma' evalwazzjonijiet rikorrenti mwettqa fl-Istati Uniti (minbarra l-ħlasijiet għal sigħat ta' xogħol fil-post fl-Istati Uniti waqt l-evalwazzjonijiet).

---

<sup>1</sup> ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/61 tal-21 ta' Marzu 2017

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni hija parti mill-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa. L-Anness il-ġdid dwar l-FSTDs li ġie propost huwa konsistenti mal-oġettivi ġenerali tal-Ftehim dwar ir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili bejn l-UE u l-Istati Uniti, li għandu jżgura livell għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fid-dinja kollha u għandu jnaqqas il-piżijiet ekonomiċi fuq l-industrija tal-avjazzjoni u fuq l-operaturi minħabba sorveljanza regolatorja ridondanti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim iservi biex jintlaħaq oġettiv fundamentali tal-politika esterna tal-avjazzjoni tal-Unjoni billi jtejjeb is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment fil-prodotti ajrunawtiċi. L-Anness il-ġdid dwar l-FSTDs huwa konsistenti mal-politika kumplessiva tal-avjazzjoni tal-Unjoni billi jippromwovi l-aċċettazzjoni reċiproka taċ-ċertifikati u tas-sejbiet tekniċi mas-sħab internazzjonali ewlenin u l-użu iktar effiċjenti tar-riżorsi disponibbli fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli.

- **Għażla tal-istrument**

Iż-żieda ta' Anness ġdid mal-Ftehim huwa l-iktar strument effiċjenti biex jintlaħaq l-għan li jkun hemm aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni għall-Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir (FSTD).

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri tal-UE li fihom jinsabu l-FFS (li jkunu ċertifikati mill-FAA) ġew involuti fl-eżerċizzju ta' trawwim tal-fiduċja li twettaq mill-EASA u mill-FAA fl-2013 bħala thejjiija għall-istabbiliment ta' dan l-Anness il-ġdid.

Il-Kummissjoni infurmat u kkonsultat l-Istati Membri tal-UE dwar l-iżvilupp ta' Anness ġdid dwar l-FSTDs fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni tal-Kunsill permezz ta' rapporti dwar id-diskussjonijiet fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim (li l-Istati Membri tal-UE mistiedna jattendu), u fil-kuntest tat-thejjiijiet għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/61, sabiex jitwessa' l-ambitu tal-Ftehim, inkluż, fost l-oħrajn, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal.

## **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Fl-iżvilupp tal-Anness il-ġdid dwar l-FSTDs, il-Kummissjoni Ewropea ġiet assistita mill-EASA. L-EASA u l-FAA għamlu tqabbil regolatorju bejn ir-rekwiżiti tal-UE u tal-Istati Uniti għall-ġħoti għaċ-ċertifikazzjoni tal-FSTDs. Dak it-tqabbil ġie ffinalizzat fl-2014 u ppermetta li jiġu identifikati wkoll id-differenzi regolatorji bejn is-sistemi tal-UE u tal-Istati Uniti, li huma indirizzati bl-hekk imsejħa “kundizzjonijiet speċjali” li huma stabbiliti fl-Anness propost dwar l-FSTDs.

L-EASA wettqet ukoll valutazzjoni tal-Programm Nazzjonali tas-Simulaturi (NSP) tal-FAA sabiex titrawwem il-fiduċja fis-sistema tal-Istati Uniti għas-sorveljanza tas-simulaturi tat-titjir. Dik il-valutazzjoni kienet tinkludi żjara tal-EASA fl-uffiċċju tal-NSP li jinsab f'Atlanta (Awwissu 2013), kif ukoll l-osservazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet tal-NSP dwar is-simulaturi ċċertifikati tal-EASA f'Dallas (Novembru 2013) u f'Miami (Diċembru 2013). L-ambitu tal-valutazzjoni kien limitat għall-evalwazzjonijiet rikorrenti ta' simulaturi ta' titjira sħiħa għall-ajruplani, li jikkorrispondu għall-ambitu tal-Anness propost dwar l-FSTDs.

Fit-2 ta' Lulju 2014, l-EASA flimkien mal-FAA rrapportaw lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza (BOB) stabbilit skont il-Ftehim li t-tqabbil regolatorju kif ukoll l-eżerċizzji tat-trawwim tal-fiduċja ġew konklużi b'suċċess. B'hekk intemmet il-ħidma teknika ta' tħejjija għall-iżvilupp tal-Anness il-ġdid dwar l-FSTDs.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Min-naħa tal-UE, l-EASA se tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Anness il-ġdid dwar l-FSTDs. Il-proċeduri dettaljati dwar l-implimentazzjoni se jiġu definiti fil-Proċeduri ta' Implimentazzjoni tas-Simulaturi (SIP), li attwalment qegħdin jiġu finalizzati mill-Aġenti Tekniċi tal-EASA u tal-FAA (qabel l-adozzjoni tal-Anness il-ġdid dwar l-FSTDs).

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Anness dwar l-FSTDs se jitwettaq l-ewwel nett mill-Bord ta' Sorveljanza tal-FSTDs (FOB) li se jagħti rendikont ta' għemilu lill-BOB stabbilit skont il-Ftehim. Il-FOB se jirrapporta lill-BOB fuq bażi regolari.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Taqsim 1 “Fini u ambitu”

Din it-taqsim tal-Anness dwar l-FSTDs tispjega l-fini tal-Anness, li hija l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni, kif ukoll l-għoti ta’ assistenza teknika rigward l-evalwazzjoni rikorrenti u l-kwalifika tal-FFS.

L-ambitu tal-Anness ikopri l-evalwazzjoni rikorrenti il-kwalifika kontinwa tal-FFS għall-ajruplani li jkollhom kwalifika maħruġa mill-FAA u mill-EASA jew mingħand Awtorità tal-Avjazzjoni ta’ Stat Membru tal-UE.

Taqsim 2 “Definizzjonijiet”

Din it-taqsim tal-Anness dwar l-FSTDs tiddefinixxi uħud mit-termini tekniċi li jintużaw spiss.

Taqsim 3 “Korp Konġunt ta’ Koordinazzjoni”

Din it-taqsim tistabbilixxi Bord ta’ Sorveljanza tal-FSTDs (FOB), li se jagħti rendikont ta’ għemilu lill-BOB u li se jkun responsabbli għall-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-Anness dwar l-FSTDs. Il-FOB huwa kopresedut mid-Diretturi tal-Istandards tat-Titjir tal-EASA u tal-FAA. Ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-FOB jinkludu:

- a) L-iżvilupp, l-approvazzjoni u r-reviżjoni tal-Proċeduri ta’ Implimentazzjoni tas-Simulaturi (SIP);
- b) Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti ta’ sikurezza u l-iżvilupp ta’ pjanijiet ta’ azzjoni biex jindirizzawhom;
- c) L-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tal-Anness;
- d) L-iskambju ta’ informazzjoni dwar l-attivitajiet ipplanati u li għaddejjin ta’ tfassil tar-regoli li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness;
- e) Il-kondiviżjoni ta’ informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fis-sistemi ta’ kwalifika tal-FSTDs tal-Partijiet li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness;
- f) Is-soluzzjoni ta’ kwistjonijiet tekniċi li jkunu parti mir-responsabbiltajiet tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni li ma jkunux jistgħu jġu solvuti f’livell iktar baxx; kif ukoll
- g) It-tressiq ta’ emendi għall-Anness lill-BOB.

Taqsim 4 “Implimentazzjoni”

Din it-taqsim fiha kundizzjonijiet dettaljati għall-aċċettazzjoni reċiproka tar-rapporti ta’ evalwazzjoni bejn il-Partijiet u għall-kontinwazzjoni tal-kwalifika tal-FAA u tal-EASA kwalifika għall-FFS skont il-Ftehim. L-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istati Membri jew, f’ċerti każijiet, l-EASA, se jwettqu l-evalwazzjonijiet f’isem l-FAA għall-apparati li jinsabu fl-UE, u l-FAA se twettaq l-evalwazzjonijiet f’isem l-EASA għall-apparati li jinsabu fl-Istati Uniti.

Din it-taqsimha fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar segwitu għas-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni, l-għoti ta' assistenza teknika fit-twettiq ta' evalwazzjonijiet speċjali jew il-ksib u l-forniment ta' *data* u ta' informazzjoni fuq talba, kif ukoll fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-reviżjonijiet ta' liġijiet, ta' regolamenti, ta' proċeduri, ta' politiki jew ta' standards, li jistgħu jaffettwaw il-bażi li fuqha jissawwar jiġi eżegwit l-Anness.

#### Taqsimha 5 “Komunikazzjoni u kooperazzjoni”

Din it-taqsimha fiha dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-FAA, l-EASA, u fejn applikabbli, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Istati Membri. Din tinkludi dispożizzjonijiet għad-deżinjazzjoni ta' punti ta' kuntatt għad-diversi aspetti tekniċi tal-Anness dwar l-FSTDs, kif ukoll informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet u d-derogi mogħtija lill-FFS.

#### Taqsimha 6 “Rekwiżiti ta' Kwalifika għall-aċċettazzjoni tas-sejbiet ta' konformità”

Din it-taqsimha fiha r-rekwiżiti bażiċi għall-awtoritajiet rigward l-effettività tas-sistemi rispettivi tagħhom għas-sorveljanza regolatorja tal-FSTDs, inkluż l-istruttura ġuridika u regolatorja, ir-riżorsi, il-programmi tat-taħriġ, id-dokumentazzjoni u r-reġistri, kif ukoll il-politiki interni, il-proċeduri u s-sistemi tal-kwalità.

Barra minn hekk, din it-taqsimha fiha dispożizzjonijiet dwar it-turiġa inizjali u kontinwa tal-effettività ta' daww is-sistemi, inkluż dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-Partijiet fl-awditjoni tal-kwalità u fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni ta' xulxin, fl-iskambju tar-rapporti dwar il-kwalità u l-istandardizzazzjoni u ta' informazzjoni rilevanti oħra li tista' tkun meħtieġa biex tinżamm il-fiduċja kontinwa tal-Partijiet fis-sistemi ta' xulxin.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-awtoritajiet mill-Istati Membri kollha tal-UE jistgħu jwettqu l-evalwazzjonijiet tal-FFS f'isem l-FAA, diment li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti skont l-Anness. L-EASA se jkollha r-responsabbiltà li timmonitorja dik il-konformità bħala parti mill-attivitajiet tas-soltu tagħha ta' standardizzazzjoni.

#### Taqsimha 7 “Investigazzjoni u azzjoni ta' infurzar”

Din it-taqsimha fiha dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-investigazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità u fir-rigward tat-teħid ta' azzjonijiet ta' infurzar. B'konformità mal-Ftehim, iż-żewġ Partijiet għandhom id-dritt li jieħdu azzjonijiet ta' infurzar kontra l-operaturi tal-FSTDs li jkollhom approvazzjonijiet tal-FAA jew tal-EASA.

#### Taqsimha 8 “Dispożizzjonijiet ta' trasferiment”

Din it-taqsimha fiha dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-mod kif l-FFS li attwalment huma taħt is-sorveljanza diretta tal-EASA se jsiru responsabbiltà tal-FAA, kif ukoll il-mod kif l-FFS li attwalment huma taħt is-sorveljanza diretta tal-FAA se jsiru responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istati Membri tal-UE. Attwalment hemm erba' Stati Membri tal-UE li fihom hemm FFS b'approvazzjonijiet tal-FAA, jiġifieri r-Renju Unit, id-Danimarka, Franza u n-Netherlands.

It-trasferimenti għandhom iseħħu fi żmien 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Anness u se jiġu sinkronizzati mad-dati tal-evalwazzjonijiet rikorrenti tal-apparati.

#### Taqsimha 9 “Tariffi”

It-tariffi għall-evalwazzjonijiet rikorrenti tal-apparati se jiġu applikati skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim u skont ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli, li min-naħa tal-UE jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni.

#### Appendiċi 1 “Kundizzjonijiet Speċjali”

Dan l-Appendiċi fih l-kundizzjonijiet speċjali tal-UE li huma applikabbli għall-FFS ibbażati fl-Istati Uniti kif ukoll il-kundizzjonijiet speċjali tal-FAA li huma applikabbli għall-FFS ibbażati fl-UE.

Dawn il-kundizzjonijiet speċjali huma ir-rekwiżiti regolatorji addizzjonali, li jeħtieġ li jiġu kkontrollati waqt l-awditi tal-evalwazzjoni sabiex jitqiesu d-differenzi bejn is-sistemi regolatorji tal-UE u tal-Istati Uniti għas-simulaturi tat-titjir.

Min-naħa tal-UE, ir-responsabbiltà għall-kontroll tal-konformità mal-kundizzjonijiet speċjali tal-FAA se tkun f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri fejn jinsabu l-apparati b'ċertifikati tal-FAA, jew f'ċerti ċirkostanzi tkun f'idejn l-EASA jekk l-FFS li jinsab fl-UE ikun taħt is-sorveljanza tal-Aġenzija. Ir-riżultati tal-kontroll tal-kundizzjonijiet speċjali se jiġu rreġistrati f'“rapport dwar il-kundizzjonijiet speċjali” imħejji mill-awtorità wara l-evalwazzjoni.

#### Appendiċi 2 “Azzjonijiet tal-Awtorità tal-Avjazzjoni”

Dan l-Appendiċi fih l-azzjonijiet speċifiċi li l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istati Membri tal-UE se jieħdu meta jwettqu l-evalwazzjonijiet rikorrenti tal-FFS f'isem l-FAA. Dan jinkludi l-iskedar tal-evalwazzjoni rikorrenti, it-tħejjija tat-twettiq tal-evalwazzjoni, it-twettiq tal-evalwazzjoni u tal-attivitajiet ta' wara l-evalwazzjoni, inkluż it-tħejjija tar-rapport ta' evalwazzjoni u r-rapport dwar il-kundizzjonijiet speċjali li jridu jiġu trażmessi lill-FAA.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, rigward iż-żieda ta' Anness 4 mal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011<sup>2</sup>.
- (2) Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim huwa li tittejjeb ir-relazzjoni ta' kooperazzjoni li ilha teżisti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fid-dinja kollha u sabiex jitnaqqsu l-piżijiet ekonomiċi fuq l-industrija tal-avjazzjoni u l-operaturi tagħha minħabba s-sorveljanza regulatorja bla bżonn;
- (3) L-emenda 1<sup>3</sup> għall-Ftehim tespandi l-ambitu tal-Artikolu 2.B tal-Ftehim biex jinkludi, fost affarijiet oħra, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal.
- (4) L-Artikolu 5 tal-Ftehim, kif emendat, jipprevedi l-iżvilupp ta' Annessi ġodda tal-Ftehim għal kwistjonijiet li huma parti mill-ambitu tal-Ftehim.
- (5) Iż-żewġ Aġenti Tekniċi, jiġifieri l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għall-UE u l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni għall-Istati Uniti, għamlu proposta lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza biex jadotta Deċiżjoni biex jiġi ppromulgat Anness 4 ġdid tal-Ftehim sabiex ikopri l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni għall-Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir ("FSTD").
- (6) Permezz tal-promulgazzjoni tal-Anness il-ġdid se jiġi ġġenerat iffrankar għaż-żewġ Aġenti Tekniċi u fl-istess ħin se jitnaqqsu l-kostijiet għall-industrija (l-operaturi tal-FSTDs), u sussegwentement, it-trasportaturi bl-ajru se jgawdu minn aċċess ikbar għall-FSTDs għall-bdoti tagħhom.

<sup>2</sup> ĠU L 291, 9.11.2011, p. 3-44

<sup>3</sup> ĠU L 11, 16.1.2018, p. 3-5

- (7) (7) L-Artikolu 19.C tal-Ftehim jipprevedi li jidħlu fis-seħħ Annessi li jkunu għadhom kemm ġew żviluppati permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim.
- (8) (8) Jenħtieġ li l-Anness 4 l-ġdid dwar l-Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (9) (9) L-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/719/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili jipprevedi li, skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza fir-rigward tal-adozzjoni ta' Annessi addizzjonali skont l-Artikolu 3.C.7 u l-Artikolu 19.C tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, skont l-Artikoli 3 u 19 tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza li temenda l-Anness 4 tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni 0011 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

B'dan, id-Direttur responsabbli għall-Avjazzjoni fid-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, bħala l-Kopresident u r-rappreżentant tal-Unjoni fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, qiegħed jingħata s-setgħa biex jiffirma d-Deċiżjoni 0011 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza.

#### *Artikolu 3*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*